**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2013, fil-Bini Amministrattiv fil-5.45 pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Punti mill-Minuti**

2. Issemmiet il-ħsara fuq il-*main* tal-ilma fi Triq San Bażilju kif ukoll dik identifikata fit-Triq tal-Isqaqien tan-Nar. Fis-sit tal-aħħar, intqal illi din il-kanna hemm bżonn li tinkesa bil-qatran ħalli ma jibqgħux jgħaddu il-vetturi minn fuqha u jaqilgħu il-*main* tal-ilma.

3. Issemmew xi kmamar fl-għelieqi fi Triq iż-Żurrieq li kien rappurtat illi se jaqgħu u qed joħolqu periklu għal kull min jgħaddi minn hemm. Is-Sindku qal li jekk inhi tas-Sur Mallia, hu se jagħmel kuntatt ma' tal-familja ħalli dawn jitranġaw.

4. Dwar il-proposta tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-KLM, is-SE mela' l-formula u bagħata lid-dipartiment.

5. Issemmiet il-*book box* u l-kotba li se jitpoġġew fiha. Hawn intqal illi s-selezzjoni ta' kotba li għandhom jitpoġġew fuq l-ixkafef għandhom ikunu attraenti għal kull min jagħmel użu minnha. Dan intqal meta saret referenza għall-kotba li kienu *weeded out* mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi, propju mill-librerija tal-Imqabba, ftit tax-xhur ilu u li qed jinqatgħulhom il-*bar code* mil-ħaddiema tagħna.

6. Kien hemm diskussjoni fejn għandhom jitpoġġew aktar cctv cameras. Kienu identifikati il-Pjazza tal-Knisja, Ġnien Tfal ir-Raħal u Misraħ il-Fidwa.

7. Is-Sindku informa lil kunsillieri illi sar it-*traffic management* bil-marki taż-żebgħa mal-art fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti propju fejn Triq Ħal Kirkop fejn din tmiss ma' Triq iż-Żurrieq. Dan ix-xogħol sar mill-*Koptasin* wara li kellna l-approvazzjoni tad-diżinn tal-Perit William Lewis, minn Transport Malta.

8. Dwar l-għeluq tat-toroq fil-festa, kien suġġerit illi jitpoġġew notifiki fil-*bus shelters* u ma' kull *bus stop* biex ma' joqgħodux jistennew fihom il-passiġġieri għal xejn, meta jkun hawn tibdil temporanju fir-rotta tal-Arriva.

9. Is-Sindku informa lill-kunsillieri li propju dal-għodu kellhom laqgħa hu u s-SE mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura fil-Ministeru fejn infurmawna dwar il-proposti tar-rotot il-ġodda. Intant is-SE se jikteb lura l-proposta tagħna illi t-trasport pubbliku għandu jibqa' jgħaddi minn Triq il-Madonna tal-Ġilju u mhux minn Triq Santa Katerina kif kien propost aktar kmieni mill-KLM.

10. Wara li stennejna għal diversi ġimgħat mingħajr risposta mill-GAL Xlokk, is-SE ċempel u dawn qalulu illi l-obbligazzjonijiet huma illi kull sena jrid ikun hemm *subscription fees* ta' €1,000

għal kull kunsillier. Hawn intqal illi rridu nistudjaw aktar x'inhuma l-benefiċċji kemm-il darba għandna nerġgħu nissieħbu minkejja li jidher li kull min qiegħed fiha sejjer tajjeb u forsi għal bidu l-affarijiet se jkunu ftit diffiċli.

11. Fil-laqgħa preliminari li kellhom is-Sindku u s-SE mal-Perit William Lewis, is-Sindku qal li dan se jagħmel rapport fuq ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali u l-ewwel ħidma tiegħu se tkun fuq l-applikazzjoni tal-Fond għat-Titjib Urban f'dak li għandu x'jaqsam ix-xogħol tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa.

12. Dwar il-kors *i-kids* li qed jiġi organizzat mill-kumpanija TCTC, is-SE qal li hu ddepożita l-flus li nġabar biex dawn jixtru l-*pen drives* fl-HSBC, wara insistenza minn naħa tagħhom biex ngħaddulhom il-fondi tal-istudenti Mqabbin li issa qed jagħmlu l-kors f'lokalitajiet oħrajn.

13. Is-Sindku qal illi l-aħħar lezzjoni tal-kors tat-tisjir minn Manwel Xuereb se ssir nhar it- 3 ta' Settembru peress li dawn se jieqfu ftit minħabba l-festa ta' Santa Marija.

14. Nicky Briffa talab il-profil tal-kunsillieri biex dawn ikunu inklużi fis-sit elettroniku. Sadanittant, Charlene Zammit iltaqgħet ma' Valerie Galea u fehmitha x'hemm bżonn isir fis-sit elettroniku www.mqabba.gov.mt biex din tiġi aġġornata. Intant kien hemm diskussjoni dwar it-tul tal-artiklu tal-fuljett (it-tieni ħarġa) u dwar meta se toħroġ l-edizzjoni li jmiss.

15. Reġgħet kienet diskussa l-attivita' kulturali tas-6 ta' Ottubru, filwaqt li s-SE bagħat xi dettalji lill-MTA biex ikunu integrati fil-kalendarju kulturali. Hawn intqal illi issa l-ġurnata tas-6 ta' Ottubru, se tinzerta l-Festa tar-Rużarju u għalhekk kull każin se jiġi mitlub sabiex itella' sitt bandalori. Charlene Zammit ipproponiet illi tkun organizzata wkoll *Treasure Hunt* fis-siti storiċi.

16. Issemma' t-trab eċċessiv li ħiereġ mill-barrieri u li qed jesperjenzaw ir-residenti fin-naħa tas-Sejba u Triq il-Parroċċa.

17. Issemmiet ukoll il-mini bus li qed jorganizza l-KLM lejn Għar Lapsi. Hawn intqal illi din sejra tajjeb u dawk li qed jużawha reġgħu iddeċidew li ma jmorrux B'Bugia, iżda lejn Għar Lapsi.

18. Wara l-ftuħ tal-kwotazzjoni tal-*park benches*, Anton Zarb se jġibhomlna u se nwaħħluhom fi Triq Mikelanġ Sapiano dal-waqt.

19. Is-Sindku qal li fi Ġnien Tfal ir-Raħal hemm bżonn li jinbidlu l-lampi kollha għaliex mhux qiegħdin jixhelu. Hu qal li dan ix-xogħol hu mistenni li jsir bin-nies tagħna.

20. Kien deċiż illi l-ħarġa għal Għawdex issir nhar it-12 ta' Settembru, 2013 u r-ristorant li fih se jittieħdu għall-ikel kull min ġej magħna, se jkun dak tas-*Sea Shells*, fix-Xlendi.

21. Is-SE kien infurmat illi l-banda ta' Sta Marija ġejja fil-Muniċipju għad-drinks annwali tal-festa, fl-aħħar tridu, filwaqt li l-kumitat ġie għalihom nhar it-23 ta' Lulju, 2013. Hawn Charlene Zammit qalet li hi ma kienetx taf b'dan l-avveniment, mentri is-SE kien bagħat *e-mail* lil kunsillieri kollha, filwaqt li l-kunsillieri waslitilhom stedina formali għall-Quddiesa tal-Paniġierku, nhar il-Festa, u l-kunċert tal-10 ta' Awwissu.

22. Is-SE kien mitlub sabiex jagħmel *business cards* lill-kunsillieri filwaqt li jiċċekkja l-*e-mail accounts* tal-kunsillieri l-ġodda f'hiex waslu minn naħa tad-dipartiment għall-Gvern Lokali u l-MITA.

23. Is-Sindku tkellem dwar it-*tresholds* li hu marbut bihom kull kunsill biex jorganizza Jum ir-Raħal f'dawk li huma spejjeż li għandhom joħorġu mill-vot tal-*Community and Hospitality.*

24. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-proposta illi l-barriera tal-Mitħna tiġi kkonvertita f'Dar għall-Anzjani, vis a vis il-kunċett addottat mill-MEPA tal-*Open Strategic Gap* u l-bogħod tagħha miċ-ċentru tal-Imqabba kif ukoll il-proposta tal-uffiċjali tal-MEPA fil-laqgħa li kellhom magħna ix-xahar li għadda biex din issir fil-barriera biswit il-każin tal-futbol. Nicholas Briffa qal li l-Kummissarju tal-Artijiet aċċetta li jagħtina estenzjoni ta' sena biex naraw jekk hemmx bżonn li din tkun devoluta lilna jew le.

25. Kienet sospiża l-laqgħa fis-7:10pm sakemm il-KLM fetaħ l-offerta pubblika għall-Manutanzjoni tat-Toroq.

26. Fis-7:40pm kompliet il-laqgħa bl-**Agenda** tagħha.

27. Is-Sindku qal illi ktibna (ittra datata 23 ta' Lulju, 2013) dwar l-Espressjoni ta' Nteress li ħareġ il-Gvern Ċentrali sabiex il-ġibjun il-miftuħ u l-barriera tal-Mitħna jiġu żviluppati *f'Day Centre* kif ukoll Dar għall-Anzjani.

28. Is-Sindku semma' wkoll il-ġibjun propost fi Triq Ganni Darmanin. Hawn intqal illi l-Gvern Ċentrali għadu lanqas ma' għamel *expropriation* s'issa, biex dan il-ġibjun jinbena u jibda' jiġbor l-*istorm water run-off* li qed jinġabar b'mod eċċessiv f'dawn l-inħawi baxxi tal-Imqabba.

29. Intant is-SE se jgħaddi kopja tal-minuti li ħa dak in-nhar li ġew ikellmuna dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali l-uffiċjali tal-MEPA, fit-22 ta' Lulju. Hawn issemmiet l-art fejn jaħarqu n-nar tal-każini tal-banda u kif se jaffettwa ħażin l-istess festi il-ħruġ tagħha għal bini.

30. Is-Sindku ta aktar dettalji li ħarġu mill-Konsultazzjoni Pubbliku dwar il-Fondi Ewropej għal program 2014-2020, li kienet organizzata mis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg u li għaliha attendew kemm hu kif ukoll Grace Marie Mallia.

**F'punti oħra:**

31. Paul Spiteri talab lill-KLM illi jsiru żewġ *passes* oħra addizzjonali (ma' dawk li diġa' saru biex jidħlu tan-nar) sabiex Karmenu Ellul u xi ħadd ieħor ikunu jistgħu jitħallew jidħlu f'zoni projbiti fil-festa. It-talba intlaqgħet mill-KLM.

32. Il-KLM għandi jinsisti aktar mal-awtoritajiet biex il-karozzi tat-trasport pubbliku jkunu fil-ħin speċjalment fil-għodu fir-*rush hour* u anke fil-għaxija mill-Belt Valletta.

33. Il-KLM għandu jinsisti mal-Ministru tal-Edukazzjoni, wara li diġa' saret talba formali illi l-iskola sekondarja tibqa' taħt il-Kulleġġ San Benedittu u ma tinqatgħax għaliha u tmur taħt il-Kulleġġ San Injazju. Is-Sindku qal li jiddispjaċih illi f'din il-materja ma konniex konsultati, liema deċiżjoni se taffetta 218 tifel. Kien hemm min issuġġerixxa illi jekk il-Ministru jagħtina laqgħa, magħna għandna nieħdu l-ġenituri rappreżentati fil-Kunsill Skolastiku. Madankollu is-Sindku sar jaf illi din il-laqgħa ma tistax issir f'Awwissu, filwaqt li Charlene Zammit talbet illi ssir laqgħa għal dawn il-ġenituri li d-deċiżjoni se taffetta lit-tfal tagħhom negattivament.

34. Paul spiteri talab ċavetta tal-bollard għal resident (Sciberras) li joqgħod/għandu l-propjeta' fi Triq San Mikiel biex ikun jista' jidħol f'din it-triq. It-talba kienet milqugħa u s-SE ta ċ-ċavetta dak il-ħin stess lill-kunsillier.

35. Għal talba oħra li għamel l-istess kunsillier għan nom tal-familja Sciberras, is-Sindku qal li se naqilgħu is-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju permezz tal-kuntrattur tagħna l-ELC għaliex dawn qed idellu l-għalqa u m'humiex siġar tajbin, wara li kienet ħarġet in-*no objection* mill-MEPA.

36. F'dawn il-ġranet sħan b'mod eċċessiv, Paul Spiteri insista sabiex ikun hemm tisqija fil-ġnien tal-istatwa tal-Ġilju kif ukoll ir-*roundabout* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-Sindku qal illi

minkejja li ntefa' ħafna ilma bil-*bowser,* il-funtana jidher li għandha l-ħsara u saħaq li trid tiġi msewwija mill-kuntrattur.

37. Is-Sindku qal li hemm l-ideja illi bħala parti mill-attivita' kulturali tas-6 ta' Ottubru, il-KLM kien mitlub jorganizza logħob tradizzjonali malti bħal dik tal-kukkanja/ġostra. Fuq nett se titpoġġa bandiera filwaqt li informa lill-kunsillieri illi dak in-nhar fl-Isptar il-Qadim se tittella' wirja tal-fotografija.

38. Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-3 ta' Settembru fis-6:00pm. Michel Farrugia informa lill-KLM illi hu dak in-nhar se jkun imsiefer u talab illi jkun skużat. It-talba intlaqgħet unanimament.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*03/09/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |